MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 606/2010

**Tania Sammut**

**Vs**

**Metalfit Company Limited**

Din il-kawza tittratta dwar talba ghal likwidazzjoni ta' danni li l-attrici sofriet wara li wegghet fil-post tax-xoghol fit-2 ta' Dicembru 1992. Il-kwistjoni hi limitata dwar il-quantum tad-danni li ghandhom jithallsu lill-attrici peress li permezz ta' sentenza li nghatat fil-kawza **Tania Fenech vs Martin Gauci et nomine** (665/1994) deciza fl-1 ta' Novembru 2006, il-konvenuta giet dikjarata responsabbli ghall-incident li sehh fit-2 ta' Dicembru 1992.
Il-konvenuta ssostni li :-
i. L-attrici trid taghti prova tad-danni u dizabilita li sofriet.

ii. Il-konvenuta m'ghandix taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-proceduri peress li kienet offriet somma adegwata lill-attrici, li l-attrici rrifjutat bla gustifikazzjoni.

Il-partijiet ipprezentaw noti fejn hemm migbura d-divergenzi ta' bejniethom. Hemm qbil li :-

i. L-incident sehh fit-2 ta' Dicembru 1992, u li l-attrici kienet impjegata bhala *machine operator*.

ii. Id-debilita permanenti hi fil-grad ta' 8%.

iii. Meta sehh l-incident l-attrici kellha 22 sena.

iv. Fi zmien l-incident kellha introjtu ta' €5,696.62 fis-sena.

v. Mehud in konsiderazzjoni li mid-data tal-incident ghaddew xejn inqas minn kwazi 19 il-sena, m'ghandux ikun hemm tnaqqis ghal *lump sum payment*.

Ghal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, id-divergenzi huma dwar jekk il-kalkoli ghandhomx isiru:-

i. Fuq multiplier ta' 35 sena jew 40 sena. Ilum l-attrici ghandha 41 sena. Fil-fehma tal-qorti kalkolu fuq 35 sena hu gust meta tqies li hadd ma jaf x'ser jigri sakemm l-attrici tilhaq l-eta' pensjonabbli u hawnhekk qeghda fil-kamp tal-incertezza. Fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni f'dawn it-tip ta' kazijiet.

ii. Fuq introjtu ta' €11,393.24 fis-sena kif trid il-konvenuta, jew fuq €14,174.23 kif trid l-attrici. Meta tqies li l-attrici kienet tahdem bhala machine operator u li l-konvenuta qeghda ssostni li l-kalkoli isiru fuq salarju ta' €11,393.24 sa minn meta sehh l-incident, il-qorti hi tal-fehma li r-ragunament tal-konvenuta hu gust. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li m'hemmx prova li minhabba l-incident l-attrici m'ghadix kapaci li tahdem, tant li hemm qbil li r-rata ta' debilita permanenti hi ta' 8%.

Ghalhekk il-hlas dovut lill-attrici bhala *lucrum cessans*, ghandu jkun ta' -

**€11,394 x 35 sena x 8% = €15,950.**

Ghal dawk li jirrigwarda *d-damnum emergens*, il-konvenuta ssostni li l-hlas ghandu jkun ta' €3,693 filwaqt li l-attrici qeghda tippretendi hlas ta' €1,663.20 u *'…… somma ulterjuri sabiex tkopri tali infieq li ser ikollha tkompli tinkorri bhala konsegwenza tal-incident.'*. Il-qorti qeghda tifhem li minhabba l-griehi li garrbet f'ghajnejha qed ikollha tilbes *contact lenses*, tant li ssostni li f'dan ir-rigward tonfoq €92.40 fis-sena. F'rapport mediku datat 16

ta’ Marzu 2007 jinghad – *‘She now finds that she gets a visible divergent squint when she does not wear her aphakic contact lens and this is cosmetically embarassing.’* . Wara li l-qorti qieset l-argumenti taz-zewg partijiet u rat ukoll l-atti tal-kawza fuq imsemmija, tiddikjara li l-hlas ghandu jkun ta’ €4,000.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi :-**

**1. Tillikwida d-danni li sofriet l-attrici fis-somma ta’ dsatax-il elf disa’ mija u hamsin ewro (€19,950).**

**2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ dsatax-il elf disa’ mija u hamsin ewro (€19,950).**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) taghmel tajjeb ghalihom l-attrici u kwart (1/4) kontra l-konvenuta, wara li l-qorti qieset li :-**

**i. It-talbiet li saru f’din il-kawza setghu facilment saru fil-kawza Tania Fenech vs Martin Gauci et nomine (66/1994) u b’hekk tigi evitata kawza ohra.**

**ii. L-offerta li ghamlet il-konvenuta fin-nota li pprezentat fit-23 ta’ Dicembru 2010 hi gusta.**

**iii. Parti mill-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenuta mehud in konsiderazzjoni l-ewwel eccezzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------